**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR ANTHONY J. VELLA BA.,LL.D.,MA**

**ILLUM 5 ta' Novembru 2015**

**SPETTUR**

**Robert Said Sarreo**

**VS**

**George Degabriele**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

George Degabriele ta' 48 sena, bin Carmel u Rita nee' Mangion, mwieled Sliema, nhar 11 ta' Jannar 1967, residenti 119, Triq il-Kuncizzjoni, Msida u detentur tal-Karta tal-IDentita bin-numru 83967M;

Talli;

1) Nhar it- 8 ta' Mejju 2015, ghal habta ta bejn is-6.30 u 7.00pm, gewwa M'Scala volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura BMW bin-

numru tar-registrazzjoni JBO 956, liema hsarat huma ta' aktar minn €2,500 ghad-detriment ta' Jason Genovese u/jew persuni ohra;

2) Aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi waqt li kien qed jaghmel uzu minn vettura tat-tip Mistubishi bin-numru tar-registrazzjoni GAO 536 b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kien involut f'kolluzjoni ma' vettura BMW bin-numru JBO 956 u involontarjament ikkawza hsara fuq din l-istess vettura, liema hsara hija ta' aktar minn €2,500 ghad-detriment ta' Jason Genovese u/jew xi persuni ohra;
3) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-istess vettura b'manjiera traskurata u perikoluza;
4) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'sewqan eccessiv;
5) Aktar talli nhar it-8 ta' Mejju 2015 ghal habta tas-7.15pm gewwa l-ghassa ta' Haz-Zabbar li tinsaq fi Triq ic-Cawsli, Zabbar, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f' xi document mahsub ghal xi awtorita p[ubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza;

Rat id-dokumenti ezebiti;

Rat l-atti kollha tal- kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju tal-gheluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi li dik l-istess ammissjoni setghet iggib maghha, u wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 325(1)(a), 328(d) u 188 tal-Kap 9, 15(1)(a)(2) tal- Kap 65 u Regolament 127(1) tal-LS 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq amisssjoni din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu sabiex ma jimmolestax lil Jason Genovese ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sena taht penali ta' sitt mitt ewro (€600).

Din il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**